MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 82/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Peter Paul Said**

Numru: 82/2014

Illum 2 ta' Dicembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Pater Paul Said**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Anthony u Mary neé Calleja, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-28 ta' Gunju 1998, residenti Alfina, Flat G, Triq it-

Telegrafu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 23588(G) akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Awwissu tal-2014 gewwa l-inhwai tar-Ramla l-Hamra limiti tax-Xaghra, Ghawdex u kif ukoll gewwa postijiet ohra fin-Nadur, Ghawdex f'hinijiet differenti:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika fuq il-persuna ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhaba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara volontarja fuq ir-*radio* tas-servizz ta' PS 820 J. Vella liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u dan ghad-dannu ta' l-istess PS 820 J. Vella, tal-Gvern ta' Malta u tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon-ordni u/jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen, jew indecenti li jikkonsisti wkoll f'dagha u ghamel ati jew gesti oxxeni;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordinijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed minn servizz pubbliku;

8. talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 19 ta' Gunju 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna wkoll li tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "B" – *a fol.* 16).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 11).

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 14), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 14), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Rat il-*Pre-Sentencing Report* mhejji fil-konfront tal-imputat, liema rapport gie ezebit fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 u gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 20 *et seq.*)

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat hallas il-hsarat li jsiru riferenza ghalihom fit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tal-lum, is-sottomissjonijiet finali rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (*a fol.* 29), l-istqarrija (Dok. "A" – *a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, u, kif ukoll, ir-rapport mhejji mill-*Probation Officer* (b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet fl-istess rapport), liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 20 *et seq.*). Il-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva jew wahda

ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat u thoss li jkun utili li l-imputat jinghata cans li permezz tieghu jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u sabiex jigi mghejjun jaghraf it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 95, 96(a), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Peter Paul Said hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Peter Paul Said taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Peter Paul Said bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation*, jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Peter Paul Said.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' PS 820 J. Vella u PC 625 J. Saliba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------